# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Marzu 2001**

**Numru : 34**
**Citaz. numru : 113/01/RCP**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Said International Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi s-Socjeta konvenuta hija veru, cert u likwidu debitrici a favur tal-Bank attur fis-somma ta' disgha u sebghin elf tmien mija u seba' liri Maltin u hames centezmi (LM79,807.05) kwantu ghal sitta u sebghin elf u tlieta, u tletin liri Maltin (LM76,033) kapital u kwantu ghal tlett elef seba' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u hames centezmi (LM3,774.05)

rappresentanti imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Ottubru 2000 - salv imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament - u liema ammont jirrizulta mill-anness "statement of account" markat Dok "A", u huwa dovut mis-Socjeta konvenuta fuq "overdraft account" numru 332535447 kif naxxenti minn kuntratti kollha fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tal-24 ta' Novembru 1981 - tat-23 ta' Settembru 1985, tat-2 ta' Marzu 1988, tal-20 ta' Frar 1991; tas-6 ta' Dicembru 1993 u tal-21 ta' Dicembru 1994 hawn annessi u markati Dok "B”, “C”, "D", "E”, “F”, “G”.

Illi s-Socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti.

Illi s-Socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit markat Dok "H" ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-Socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qort m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lis-Socjeta konvenuta bhala veru, cert u likwidu debitrici a favur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' disgha u sebghin elf tmien mija u seba' Iiri Maltin u hames centezmi (LM79,807.05) dovuti kif inghad hawn fuq oltre l-imghaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lis-Socjeta konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta' disgha u sebghin elf tmien mija u seba' liri Maltin u hames centezmi (LM79,807.05) dovuti kif inghad hawn fuq ghal facilita bankarja hawn fuq imsemmija.

BI-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra s-Socjeta konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedoti fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tiddikjara lis-Socjeta konvenuta bhala veru, cert u likwidu debitrici a favur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' disgha u sebghin elf tmien mija u seba' Iiri Maltin u hames centezmi (LM79,807.05) dovuti kif inghad hawn fuq oltre l-imghaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lis-Socjeta konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta' disgha u sebghin elf tmien mija u seba' liri Maltin u hames centezmi (LM79,807.05) dovuti kif inghad hawn fuq ghal facilita bankarja hawn fuq imsemmija.

BI-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra s-Socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Marzu, 2001**